# RIŻORSA 5

## Id-Direttiva Bolkestein

Id-Direttiva Bolkestein (magħrufa wkoll bħala d-Direttiva dwar is-servizzi fis-suq intern) hi liġi mgħoddija mill-UE fl-2006 li ħolqot suq uniku għas-servizzi u ppermettiet li l-ħaddiema Ewropej jiċċaqalqu liberament fi ħdan l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea biex isibu impjieg. Din il-liġi l-ġdida kienet kontroversjali peress li ħafna ħaddiema mill-Ewropa tal-Punent kienu qed jibżgħu li l-ħaddiema migranti mill-Ewropa tal-Lvant li jitolbu inqas għas-servizzi tagħhom issa kien se jkollhom vantaġġ inġust fuqhom u jwaqqgħu l-prezzijiet. Saru protesti massivi u nġabru kważi 100 000 ruħ fi Brussell nhar il-21 ta' Marzu 2005 biex jipparteċipaw f'dimostrazzjoni kontra d-Direttiva. Il-liġi l-ġdida ġiet implimentata fl-Istati Membri kollha tal-UE fit-28 ta' Diċembru 2009.

Id-Direttiva ssemmiet għal Frederik 'Frits' Bolkestein, li dak iż-żmien kien il-Kummissarju Ewropew li ssorvelja l-ħolqien tagħha.

## Il-"Plamer Pollakk' isellem lill-Franċiżi

Il-bord turistiku Pollakk ħareġ bi xbieha seduttiva ta' plamer Pollakk biex jikkontrobatti r-retorika negattiva Franċiża dwar il-ħaddiema mill-Ewropa tal-Lvant.
Il-"plamer Pollakk" – simbolu ta' xogħol irħis – sar slogan tal-kamp Franċiż tal-"Le" waqt ir-referendum dwar il-Kostituzzjoni tal-UE.
"Jien se nibqa' l-Polonja – ejjew bi ħgarkom" jgħid ir-reklam il-ġdid fuq is-sit tal-Bord Turistiku Pollakk għall-viżitaturi Franċiżi.
Is-sit jinkludi l-messaġġi mill-qarrejja Franċiżi li jfaħħru l-umoriżmu tar-reklam.
Elżbieta Janik, kelliema għall-Bord Turistiku Pollakk, qalet li hi u l-kollegi tagħha kienu "irritati mill-fatt li kienet qed tintuża immaġini negattiva tal-Polonja mill-politiċi... biex jevitaw il-problemi politiċi reali".

## Trasformazzjoni tal-immaġini

Ir-reklam ġie prodott mis-sede ta' Varsavja tal-bord turistiku biex "jgħinna noħolqu immaġni pożittiva tal-Polonja," qalet lis-sit BBC News.
"Ingħatajna tikketta li ma tixirqilniex. Wara kollox, Franza għandha ħafna bennejja Spanjoli, ħaddiema Portugiżi..."
"Din kienet reazzjoni umoristika għad-dibattitu politiku – ridna ngħidu lill-Franċiżi: 'Minkejja d-diskors negattiv dwar il-Polonja, jekk tiġu tintlaqgħu tajjeb'," qalet.
Żiedet tgħid li hemm ċans jiġu prodotti wkoll posters u T-shirts bix-xbieha tal-plamer gustuż.
"Kien hemm Franċiżi li ċemplulna biex jifirħulna. Qalulna: 'M'aħniex babbi, nafu li mhux tort tal-plamers Pollakki'," żiedet tgħid.

*Sors: BBC News*




Il-"plamer Pollakk" il-ġdid: kontrorisposta umoristika mil-Lvant

*Sors: BBC NEWS © Polish Tourist Organisation*

Frederik Bolkestein, il-Kummissarju tal-UE, ipprova jiddefendi r-riforma li ppropona, meta qal li jkun ħerqan li jara plamers Pollakki japplikaw għax-xogħol fiż-żona fejn joqgħod "peress li hu diffiċli ħafna li ssib elettriċista jew plamer fejn ngħix jien fit-Tramuntana ta' Franza."

Il-kummenti tiegħu ġibdu kritika ħarxa fi Franza. Rémi Pauvros, Sindku ta' Maubeuge, il-belt prinċipali qrib id-dar Franċiża ta' Bolkestein, bagħat ittra miftuħa lill-ex Kummissarju biex jgħidlu li ma sabx inqas minn 13-il elettriċista u plamer fil-paġni sofor lokali.

*Sors: Privatizationbarometer*